**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dexter Bianco**

Illum, 21 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dexter Bianco, iben Michael u Sylvana nee' Tanti, imwieled Pieta', fit-2 ta' Frar, 1998 u residenti Blk C, Flat 1, triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta tal-identita' 82288(M)

Nakkuzah talli nhar id-29 t' Awwissu 2015 ghal habta tat-08:30 ta' filghaxija, fi triq is-Sajjied, f'San Pawl il-Bahar, minghajr il-hseib li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mohsen Maged Fawzy f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat minnn Dr Fabrizia Azzopardi nru mediku 3030 u dan bi ksur tal-0ARtikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta.

U aktar talli nhar id-29 t' Awwissu, 2015 fl-istess lok u hin, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artiokolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi estratt mill-att tat-twelid u

fedina penali ta' l-imputat, nitlob li l-kaz jigi nvestigat skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien sentjen (2) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Mohsen Maged Fawzy taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat